**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 9 ta' Novembru 2020**

**Rikors Numru : 40/2020 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**PS**

**Vs**

**DS**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' **PS** datat 3 ta' Frar 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet iżżewwġu lil xulxin fis-sitta (6) ta' Awwissu tas-sena elf disa mija u tlieta u tmenin (1983) hekk kif jirriżulta mill-anness ċertifikat taż-żwieġ immarkat bħala dok A.*

*Illi minn dan iż-żwieġ, il-partijiet għandhom tliet ulied T, B u N, aħwa S, li huma lkoll maġorenni.*

*Illi l-partijiet ilhom separati de facto minn Mejju elfejn u ħmistax (2015) u mbagħad isseparaw legalment b'kuntratt redatt minn nutar Dr Alicia Agius Attard tat-tletin (30) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) Dok B.*

*Illi ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante li minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.*

*Illi kwalunkwe ħlas ta' manteniment dovut bejn il-partijiet skont il-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi qed jitħallas b'mod regolari skond kif stipulat fil-kuntratt.*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :*

1. *Tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet u*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien imħolli għal daqsehekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' **DS**, datata 4 ta' Ġunju 2020 a fol 27, li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament, l-esponenti tikkontendi illi huwa minnu li l-partijiet ilhom iktar minn erba' snin separati u li bejniethom ma hemm l-ebda ċans ta' rikonċiljazzjoni.*

2. *Illi effettivament, l-esponenti taqbel ukoll illi bħala stat ta' fatt ma hemmx arretrati ta' manteniment u għalhekk ma għandhiex oġġezzjoni għall-akkoljiment tat-talbiet rikorrenti hekk kif dedotti fir-rikors promotur;*

3. *Illi finalment l-esponenti topponi għall-ispejjeż tal-proċeduri odjerni.*

Semghet ix-xhieda bil-proċedura tal-affidavit;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il- verbal tas-seduta tat-13 ta' Ottubru 2020 (fol 33) li permezz tieghu l-attur iddikjara li ma kellux oġġezzjoni illi jħallas l-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri.

**Ikkonsidrat;**

**DS** xehdet (vide affidavit a fol 30) illi hija iżżewwġet lil żewġha fis-sitta ta' Awwissu tas-sena 1983 u li minn dawn iż-żwieġ twieldu tliet itfal, ilkoll maġorenni. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Alicia Agius Gatt u li ma hemm l-ebda tama ta' rikonċiljazzjoni. Xehdet ukoll illi ma hemmx arretrati ta' manteniment.

**PS** xehed (vide affidavit a fol 32) u ikkonferma u ikkorabora dak li xehdet **DS** u żied jgħid illi il-partijiet ilhom de facto separati mill-2015.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif***

***hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-6 ta' Awwissu 1983 (Vide Dok A fol 4) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tlett tfal, illum maġorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Alicia Agius Attard, datat 30 ta' April 2018 (vide Dok. B fol 5 et seqq.). Gie ppruvat ukoll illi l-partijiet ilhom *de facto* separati sa' mis-sena 2015, kif jirriżulta mir-rikors guramentat, r-risposta tal-intimata, u kif ukoll miz-zewg affidavits taghhom, ghalhekk jirrizulta illi ilhom separati *de facto* ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi arretrati ta' manteniment ma hemmx.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu a karigu tal-attur.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**